*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,132, 6 ta' Mejju, 1983*

*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. VII ta' l-1983

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, Kap. 105.**

## ACT No. VII of 1983

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

6 ta' Mejju, 1983

## ATT Nru. VII ta' l-1983

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, Kap. 105.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1983 li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ sebat ijiem wara li jsir liġi.

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

**2.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA

| L-Ewwel Kolonna<br>*Reat* | It-Tieni Kolonna<br>*Ammenda*<br>Lm |
|---|---|
| Ksur ta' sinjal li juri li m'hemmx dħul ... ... ... | 10 |
| Sewqan bi *speed* eċċessiv ... ... ... ... | 10 |
| Sewqan ta' vetturi bil-mutur li jġorru xbieki jew vireg tal-ħadid li ma jkunux hekk marbutin li ma ssirx ħsara lil wiċċ it-triq ... ... ... ... ... | 50 |
| Duħħan eċċessiv minn pajpijiet ta' l-*exhaust* ... ... | 20 |
| Nuqqas ta' għemil ta' *trip* minn *motor omnibus* ... | 10 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tas-sewqan ... ... | 15 |

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna |
|---|---|
| *Reat* | *Ammenda* |
| | Lm |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tal-vettura ... ... ... | 30 |
| Liċenza mhux imwaħħla mal-*windscreen* ... ... | 2 |
| Dwal mhux skond id-disposizzjonijiet tal-liġi ... ... | 5 |
| *Silencer* mhux effettiv ... ... ... ... ... | 10 |
| Nuqqas ta' għoti ta' biljett lil passiġġier li juri n-nol li tħallas jew għoti ta' biljett ħażin ... ... ... | 5 |
| Nuqqas ta' użu ta' tavlar ta' wara jew twaqqiegħ fit-triq ta' materjal li jkun qed jinġarr ... ... ... | 20 |
| Ostakolu ... ... ... ... ... ... ... | 5 |
| Tagħbija ta' passiġġieri żejda ... ... ... ... | 5 |
| Ipparkjar jew stennija jew waqfien f'postijiet ipprojbiti | 5 |
| Ipparkjar quddiem *garage* ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tagħmel ir-reat ... ... ... ... ... | 5 |
| Użu ta' ħorn jew mezz ta' twissija pprojbit ... ... | 5 |
| Użu ta' vettura għal għan li ma jkollhiex liċenza għalih | 15". |

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 99 ta' l-4 ta' Mejju, 1983.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

6th May, 1983

# ACT No. VII of 1983

*AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

1. (1) This Act may be cited as the Traffic Regulation (Amendment) Act, 1983, and shall be read and construed as one with the Traffic Regulation Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

(2) This Act shall come into force seven days after its enactment.

Substitution of Second Schedule to the principal law.

2. For the Second Schedule to the principal law there shall be substituted the following:

"SECOND SCHEDULE

| First Column<br>*Offence* | Second Column<br>*Fine*<br>Lm |
|---|---|
| Contravening no-entry sign ... ... ... ... | 10 |
| Driving at an excessive speed ... ... ... ... | 10 |
| Driving of motor vehicles carrying iron nets or rods which are not so secured as to prevent damage to the surface of the road ... ... ... ... ... | 50 |
| Excessive smoke from exhaust pipes ... ... ... | 20 |
| Failure to perform trip by motor omnibus ... ... | 10 |
| Failure to renew driving licence ... ... ... | 15 |
| Failure to renew vehicle licence ... ... ... | 30 |
| Licence not affixed to windscreen ... ... ... | 2 |

| First Column<br>*Offence* | Second Column<br>*Fine*<br>Lm |
|---|---|
| Lights not in accordance with the provisions of the law | 5 |
| Non-effective silencer ... ... ... ... ... | 10 |
| Non-issue of ticket to passenger showing fare paid or issue of wrong ticket ... ... ... ... ... | 5 |
| Non-use of tailboard or spillage along the road of material being carried ... ... ... ... | 20 |
| Obstruction ... ... ... ... ... ... | 5 |
| Overloading of number of passengers ... ... ... | 5 |
| Parking or waiting or stopping at prohibited place ... | 5 |
| Parking outside garage belonging to person other than offender ... ... ... ... ... ... | 5 |
| Use of prohibited horn or warning device ... ... | 5 |
| Use of vehicles for purpose other than licensed ... ... | 15". |

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 99 of the 4th May, 1983.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*